MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 269/2013

**Il-Pulizija**
**(Spt. Kylie Borg)**
**(Spt. Godwin Scerri)**
**Vs**
**Rittmar Hatherly**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 363987 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti, ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzoni tal-Ligi u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, gewwa l-Belt Valletta u l-Furjana:

(i) Nhar it-8 ta' Lulju 2012, mill-Furjana, ikkommetta serq ta' GPS tad-ditta Garmin ta' valur ta' seba' mitt Euro (€700) u stereo ta' ditta mhux maghrufa minn gewwa vettura GBL 795, ghad-dannu ta' Johan Van der Linden, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

(ii) Nhar il-5 ta' Marzu 2013 ikkommetta serq ta' *cash* li jammonta ghal sitt mitt Euro (€600) minn gewwa l-iskola School of Music sitwata fi Triq it-Tramuntana fil-Belt Valletta, ghad-dannu ta' Anne Marie Chetcuti, liema serq hu aggravat bil-valur;
(iii) Nhar it-18 ta' Marzu 2013 ikkommetta serq ta’ stereo tad-ditta JVC komplut bl-ispeakers ta' valur ta' mitjen Euro (€200) minn gewwa vettura GAL 663 ghad-dannu ta' Mary Rose Dalli, liema serq hu aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haqa misruqa; u talli
(iv) Irrenda ruhu recediv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra ai termini ta’ l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-4 ta’ Gunju, 2013, li biha wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 261, 263(a), 267, 271(g) u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, ai termini ta’ l-artikoli 20, 31, 278(2), 278(3) u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kkundannatu ghall-perjodu ta’ sbatax-il xahar prigunerija.
Ai termini ta’ l-artikolu 532A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ordnat li fi zmien sitt (6) xhur minn meta jiskonta l-piena imposta fuqu b’din is-sentenza l-appellant ihallas is-segwenti ammonti lill-vittmi f’dawn il-proceduri : s-somma ta’ €700 lill-vittma Johan Van der Linden rapprezentanti l-valur tal-GPS tad-ditta Garmin misruq mill-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni GBL-795, is-somma ta’ €600 lill-vittma Anne Marie Chetcuti rapprezentanti l-cash misruq mill-iskola School of Music fi Triq it-Tramuntana, l-Belt, Valletta, u s-somma ta’ €200 lill-vittma Mary Rose Dalli rapprezentanti l-valur ta’ l-istereo tad-ditta JVC komplut bl-ispeakers misruqa minn gewwa l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni GAL-663.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 ta’ Gunju, 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata fis-sens illi filwaqt illi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati ta’ l-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu u

fejn ordnatlu jhallas lill-vittmi tas-serqiet in kwistjoni, thassar, tirrevoka u tikkancella dik il-parti tas-sentenza fejn ikkundannatu terminu ta' prigunerija ta' 17-il xahar u konsegwentement tinfliggi piena aktar idoneja fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti :-

Illi l-piena ta' habs imposta fuq l-appellant fic-cirkostanzi ma kienitx wahda idoneja. Fil-mori ta' dawn il-proceduri xehdet Carmen Borg, Manager mill-habs, li spjegat illi nonostante li persuna tapplika biex tattendi programm ghar-riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga huwa jkun jista` jattendi biss meta jkun fadallu tmien xhur mit-terminu ta' habs li jkun gie kkundannat ghaliha.

Illi l-appellant wera x-xewqa li jattendi tali programm u fil-fatt diga` applika. Pero` issa b'din is-sentenza inflitta l-appellant mhux ser ikun jista` jattendi l-programm ghal issa, u dan nonostante li rrizulta illi l-problemi li qed ikollu l-appellant huma kollha relatati mal-vizzju tad-droga.

Illi fic-cirkostanzi huwa aktar utli li persuni bhall-appellant jigu riabilitati mill-vizzju taghhom milli li jehlu terminu ta' prigunerija ghaliex hija dik ta' l-ewwel li tista` sservi ta' soluzzjoni biex persuna terga` tirrintegra ruhha fis-socjeta`.

Illi nonostante li l-Ewwel Qorti apprezzat dan kollu hasset illi ma setghatx timponi terminu ta' prigunerija iqsar. Huwa hawnhekk illi l-appellant ma jaqbilx.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Li dan l-appell huwa dwar il-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-sentenza tal-4 ta' Ġunju, 2013 fejn il-Qorti imponiet terminu ta' sbatax-il xahar priġunerija.

Skont l-appellant din il-piena ma kenitx waħda idonea għaliex l-appellant ikun jista' jattendi għall-programm ta' riabiltazzjoni meta jkun fadallu tmien xhur biss għat-terminu tal-priġunerija li jkun ġie ikkundannat għalih.

L-appellant m'għandux raġun f'dan l-aggravju. Mis-sentenza jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati ħadet in konsiderazzjoni dak li tgħid il-Liġi partikolarment id-dispożizzjoni li tidher fl-artikolu 278(2) tal-Kap 9 għalkemm l-artikolu 278(3) kien ikun aktar addattat. F'dan il-każ l-aktar imputazzjoni fiha gravanti tal-mezz, tal-valur u bix-xorta tal-ħaġa u għalhekk japplika l-artikolu 278(3) tal-Kap 9.

Il-Qorti tal-Maġistrati ddeċidiet li lanqas biss tapplika l-artikoli 50 u 289 dwar ir-reċidiva. Bl-applikazzjoni tal-artikolu 18 tal-Kap 9 il-piena setgħet titla' mit-3 snin sa 5 snin.[1] U mingħajr l-applikazzjoni tal-artikolu 18 tal-Kap 9, skont l-artikolu 278(3) tal-kap 9, il-minimum kien ikun 18-il xahar u 2/3 ta' xahar.

Issa f'dan il-każ l-appellant huwa reċidiv u wara li ngħatat din is-sentenza huwa reġa' nstab
ħati ta' serq fl-4 ta' Lulju 2013.

L-appellant diġa' gawda mill-Kap 446 b'sentenzi mogħtija fit-23 t'Ottubru 2008, 24 ta' Novembru 2008, 9 t'Ottubru 2008, 29 ta' Novembru 2006, u d-19 ta' Lulju 2007.

Għalhekk l-appellant ingħata ċans għal aktar minn darba.

Il-pieni huma dawk li fassal il-leġislatur u ma jistgħux jitnaqqsu għax wieħed jgħid li jrid jibda xi programm.

**Konklużjoni**

[1] L-applikazzjoni ta' dan l-artikolu, il-piena tista; tiżdied bi grad jew żewġ gradi.

Wara li l-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi fl-intier tagħha. Iż-żmien mogħti lill-appellant sabiex jagħmel il-ħlasijiet indikati fis-sentenza jibda jgħaddi minn meta jiskonta l-piena.

Kull żmien li l-appellant għadda taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ għandu jitnaqqas mill-piena a' priġunerija.

Il-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-appellant jingħata dik l-għajnuna kollha possibbli, u jekk jista' jkun mill-aktar fis, minħabba l-problema li għandu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------